MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1985/2000/1

Mary Coppola u zewgha Frank Coppola

Vs

Agnes maghrufa bhala Ines Scerri u zewgha Joseph Scerri.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-26 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma jippossjedu l-fondi numru 36 u 37 Falzon Street, Sliema li huma sottoposti ghal zewg flats f'numru 11B Kent Street, Sliema, li l-konvenuti jippossjedu, u peress illi l-fondi kollha imsemmija kienu proprjeta' tal-genituri tal-attrici u tal-konvenuta l-ohtha Agnes, li hallewhom lill-imsemmija uliedhom b'testment li fih espressament iddisponew li Mary Coppola ghandha a beneficcju tal-fondi taghha dritt li zzomm aerial tat-television u tank tal-ilma fuq il-bjut tal-fondi sovrastanti ta' Agnes Scerri u ghandha access ghalihom f'hinijiet ragionevoli ghall-skopijiet ta'

maintenance u repair, u li Agnes Scerri ghandha l-obbligu korrispondenti li tippermetti fuq il-fondi sovrapposti taghha lill-proprjetarji jew inkwilini tal-fondi sottoposti ta' Mary Coppola li jzzomm tank tal-ilma u aerial tat-television u access ghalihom ghall-imsemmija skopijiet ta' maintenance u repair; illi minn xi zmien il hawn, minn meta l-konvenuti riedu jaghmlu xi xogholijiet fuq il-bjut tal-fondi taghhom, il-konvenuti ma ppermettewx aktar lill-atturi li jkollhom tank tal-ilma debitament ikkomunikat bil-pipes necessarji kif ukoll aerial tat-television fuq il-bjut tal-fondi tal-konvenuti, u dana bi pregudizzju u inkonvenjent kbir; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-atturi ghandhom dritt li jzommu, a beneficcju tal-fondi 36 u 37 Falzon Street, Sliema aerial tat-television u tank tal-ilma, fuq il-bjut tal-fondi ossia flats, f'numru 11B, Kent Street, Sliema, u ghandhom dritt ghall-access ghalihom f'hinijiet ragionevoli ghall-skopijiet ta' maintenance u repair,
2. tikkundanna lill-konvenuti biex fil-granet u fil-hinijiet iffissati mill-Qorti, jippermettu lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet kollha indikati halli jikkomunikaw regolarment it-tank tal-ilma u jinstallaw regolarment l-aerial tat-television fuq il-bjut tal-zewg flats f'numru 11B, Kent Street, Sliema a beneficcju tal-fondi sottoposti numri 36 u 37 Falzon Street, Sliema.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali interpellatorja u tal-ittra ufficjali tal-1998, kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kull dritt ghad-danni subiti.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fit-30 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma ntempestivi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom ghaliex l-konvenuti qatt ma cahdu li l-atturi ghandhom d-dritt kif stabbilit fit-testment tal-genituri tal-partijiet.
2. Illi tant hu hekk illi b'ittri ta' l-ewwel ta' Frar 1996 u 8 ta' Mejju 1997 l-atturi gew infurmati li ma hemmx

oggezzjoni ghat-tank tal-ilma. Kull ma kellhom jaghmlu l-atturi huwa li jiftehmu mal-konvenuti dwar data u hin halli jsir ix-xoghol necessarju.
3. Illi qatt ma cahdu lill-atturi li jaghmlu T.V. aerial fuq il-bejt.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar id-dritt tal-atturi li jzommu tank tal-ilma u aerial tat-Television fuq il-bejt tal-fond proprjeta tal-konvenut u li jkollhom access f'hinijiet ragionevoli ghal skopijiet ta' maintenance u repair. In fatti dan id-dritt u obbligu reciproku jittwieled mill-paragrafi (d) u (e) ta' l-Artikolu 7 tat-testment tal-genituri tal-kontendenti tal-5 ta' Frar 1990 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin.

Jidher li qam xi disgwid bejn il-kontendenti dwar min ghandu jaghmel ix-xogholijiet, u min ghandu jkun responsabbli ghall-ispejjes. Izda din il-kawza ma tikkoncerna spejjes konnessi max-xogholijiet necessarji izda pjuttost hija limitata sabiex il-konvenuti jigu kundannati biex fil-granet u hinijiet li din il-Qorti tistabilixxi l-konvenuti jippermettu lill-atturi jaccedu fuq il-bjut tal-fondi proprjeta' taghhom biex jaghmlu x-xogholijiet kollha indikati halli jikkomunikaw regolarment it-tank tal-ilma u jistallaw regolarment l-aerial tat-Television.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tordna lill-konvenuti biex jippermettu lill-atturi

jew persuna inkarigata minnhom ghall-iskop infraskritt, jaccedu fuq il-bjut tal-fondi 11B, Kent Street, Sliema fis-sbatax ta' Ottubru u jekk jkun hemm mehtieg minhabba l-ezigenzi tax-xoghol fil-granet tat-tmientax u dsatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn, wara it-tmienja ta' filghodu biex jsiru x-xogholijiet indikati fic-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkosatnzi ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri